# MALTA MISSJUNARJA – IL-15-IL PARTI

## Inkomplu naqraw mill-imgħoddi

Fl-aħħar artiklu rajna li bejn Frar u Novembru 1954, fil-paġna tat-tfal bdew jidhru xi poeżini ta' DAX fis-serje Ġanni, Ġiġi u Ġużi. Dawn komplew jidhru anki f'xi xhur li ġew wara.



Santa tal-Madonna bil-Bambin imdawrin bi tfal suwed.

Mejju 1954, Sena XXII, nru 5, p.77: (1) Ġiġi, Ġanni, Ġużi ltaqgħu / *Biex imorru lkoll flimkien / Mat-tfal l-oħra għall-purċissjoni / Kulħadd fjuri mgħobbi kien.* (2) *Il-Madonna kollha mżejna / Fjuri, xema', ward kemm trid; / It-tfal żgħar kulħadd ikanta / Donnha l-qalb tinqasam trid.* (3) *It-tfal tagħna qagħdu jaħsbu; / Kemm tfal oħra fil-Missjoni, / Ma jistgħux jagħtuha qima / U jmexxuha f'purċissjoni!*

Ix-xahar ta' Mejju huwa ddedikat lill-Madonna. L-awtur jiftaħ il-kelmtejn tiegħu billi jgħidilhom: "Tfal Għeżież, kif jasal Mejju kollu fjuri, ifakkarna fil-Madonna. U bilfors li jfakkarna fiha wisq iżjed illum, li ħabtet ukoll is-Sena Marjana. Għax il-Madonna hija l-Omm t'Alla u tagħna wkoll. Tal-bnedmin kollha. Intom tgħidu: 'Sliem għalik, Sultana!' u t-tfal tal-Missjoni wkoll. Kollha! Taċ-Ċina, tal-Ġappun, tal-Indja, tal-Afrika, tal-Oċeanja, tal-Amerika u tar-Russja."

F'paragrafu ieħor – **Il-Kuruna** – l-awtur jgħarrafna li fil-ktieb tiegħu *Dwal*, insibu storja fuq wieħed missjunarju, li qabel ma mar għall-missjoni, ommu tatu kuruna tar-rużarju. Iżda ġara li wara ħafna snin, ikkonverta waħda xwejħa u kellu jagħtihielha bħala tifkira. Fil-paragrafu l-ieħor – **Sultana tal-Missjoni** – jgħid lit-tfal biex huma, li huma miktubin fl-Opra tas-Santa Infanzja, jitolbu kuljum lil Marija, ir-Reġina tal-Missjoni, biex tgħin lill-missjunarji u tibagħtilhom aktar minnhom, biex l-artijiet tal-missjoni kollha jikkonvertu, u biex jieqaf il-kommuniżmu. Fuq kollox, biex kulħadd iħobb lil binha Ġesù u biex kulħadd isalva.

Lulju 1954, Sena XII, nru 7, p.109: (1) *Qabda tfal kienu jilagħbu / Boċċi, żibeġ u x'naf jien; / Bil-għajjat ferrieħi tagħhom / Għamlu storbju kullimkien.* (2) Ġiġi, Ġanni, Ġużi qagħdu / *Hemm jarawhom għal ftit ħin; /* Ġiġi qabeż: "Tfal – qalilhom – / *"Tridux nagħmlu biċċa, ġbin*[1]*?"* (3) *Ġanni, Ġużi qablu miegħu, / Magħhom qablu t-tfal kulħadd; / "Xi ftit żibeġ għall-missjoni; / Ara dawn tinsuhom*[2] *qatt."*

Fl-istess paġna, huwa jieħu lit-tfal sal-Arabja tan-Nofs, qrib il-Baħar l-Aħmar,

---

[1] Hawn il-kelma trid tiġi 'xbin': ħabib; qarib; wieħed qisu/tal-familja.

[2] Kelma djalettali għal 'tinsewhom'. DAX kien min-Naxxar.



Impressjoni artistika tal-kaaba li skont il-Koran kienet mibnija mill-Profeta Abram u ibnu Iżmaeli

fil-post fejn twieled Mawmettu – il-belt ta' Mekka. Kull Musulman irid jagħmel vjaġġ għal hemm tal-anqas darba f'ħajtu biex imur jitlob fil-Moskea tas-Santwarju. F'nofs il-bitħa nsibu il-Kaaba mgħottija bi drapp iswed, bin-naħa ta' fuq imberfla bid-deheb u b'xi versi mill-Koran miktuba fiha. Dan l-eqdes post għall-Musulmani hu l-eqdem fid-dinja, fejn Adam beka wara li tkeċċa mill-ġenna. Qribu nsibu l-bir ta' Żemżem, fejn l-ilma tiegħu huwa dak li l-anġlu seqa bih lill-Iżraeli bin Agar fix-xagħri. Huwa jsemmi wkoll il-mina fejn raqad Mawmettu meta ħarab, u l-għoljiet ta' Arafa, fejn Adam kien iltaqa' m'Eva wara li tkeċċew mill-Eden, u fejn Mawmettu ta l-addiju fil-ħarba tiegħu. Isemmi wkoll it-tliet pilastri – il-post fejn Iżmaeli kien imġarrab mix-xitan – li l-Musulmani jgħaddu ħdejhom fi triqithom lura mill-pellegrinaġġ. U minkejja li hemm evidenza ta' qrubija bejn iż-żewġ reliġjonijiet, skontu xorta jibqa' l-fatt li 'miljuni kbar ta' bnedmin għadhom jaħasra jemmnu f'dawn l-affarijiet u ma jemmnux bil-veru Alla.

Awwissu 1954, Sena XXII, nru 8, p.127: (1) *F'xatt il-baħar il-ħbieb tagħna / Qagħdu jħarsu għal żmien twil / Raw il-ħut iżiġġ ġol-ilma / Raw xi dgħajjes għaddejjin. /* (2) *Ftakru dlonk fil-kliem ta' Kristu / F'kemm mijiet u eluf t'erwieħ / Għad mhumiex maħsula bl-ilma / Illi jġagħalhom jemmnu fiH.* (3) *Ftakru f'ħafna missjunarji / Kollha mħabba lejn Ġesù / Dlonk jitilqu lil pajjiżhom / Jagħmlu dak li qalhom Hu.*

F'din it-taqbila nsibu tixbiha ħelwa bejn il-ħut u d-dgħajjes, u l-eluf t'erwieħ mhux mgħammda. U peress li f'Awwissu t-tfal ikunu fl-eqqel tal-vaganzi sajfin, fl-istess paġna fejn tidher din il-poeżija qasira, l-awtur javża li l-vjaġġ madwar id-dinja kien se jieqaf



Kif is-serduk jidden bl-amment kull filgħodu, hekk ukoll it-tfal għandhom jiftakru kuljum fi tfal oħra tal-missjoni.

għall-mistrieħ. (1) **Fis-sajf m'hemmx il-Miss u s-Sir**: Huwa jfakkar lit-tfal kemm l-għalliema kienu jfakkruhom fil-missjoni. Iżda fis-sajf iridu jkunu huma li jieħdu ħsieb. Jgħidilhom li t-tagħlim li jieħdu mill-iskola jgħodd għal ħajjithom kollha, l-istess bħalma ġara lilu meta kien għadu żgħir. Dan wasslu biex isir missjunarju u mbagħad is-superjuri tiegħu ħallewh joqgħod jikteb lit-tfal kull darba fuq ħafna affarijiet tal-missjoni. (2) **Is-serduk jidden ta' kull filgħodu**: Skontu, it-tfal għandhom jitgħallmu mis-serduk, li kif hu tgħallem jidden bl-amment, hekk ukoll huma jmisshom jiftakru fihom kull filgħodu, issa li l-affari tal-missjoni tgħallmuha bl-amment. U filwaqt li jfakkarhom biex ma jittraskurawx il-quddies u t-tqarbin, iħeġġiġhom biex isibu aktar ħin jaqraw ir-rivista, u jirrakkuntaw xi stejjer minnha kull darba li jingabru flimkien. (3) **Albums**: Biex aktar ikebbes fihom l-imħabba lejn il-missjoni, jgħidilhom kif għandhom jagħmlu biex ikollhom album tassew sabiħ tal-missjoni u fuq il-pajjiżi kollha tad-dinja – billi jaqtgħu l-istampi milli jsibu fil-kotba l-qodma tal-missjoni u jwaħħluhom fuq il-pitazzi qodma. Biex dan il-proġett żgur jirnexxi, joffrilhom li anki jmorru sal-Uffiċċju Missjunarju minn fejn jistgħu jiksbu xi għaddijiet qodma b'xejn. U għal dawk li jħobbu jġemmgħu l-kartolini, jistgħu jixtruhom minn hemmhekk ukoll. (4) **Biex meta terġa' tibda l-iskola**: "Tgħidu lil Ġesù li għbartu ħafna opri tajba għal opra hekk qaddisa."

Novembru 1954, Sena XXII, nru 11, p.175: (1) *Wara ż-żmien minn tal-vaganzi / Il-ħbieb tagħna reġgħu ġew, / Biex jitkellmu mal-ħbieb tagħna / U jgħidulhom kif għaddew.* (2) *L-ewwel nett is-sajf għalihom / Mimli ħidma kollu kien, / Qabdu l-kotba tal-Missjoni / Jistudjaw qagħdu flimkien.* (3) *Fil-'Ġurnata Missjunarja' / Tassew għamlu għoġbijiet, /* Ġewwa l-Knisja u kemm barra / *Rawhom jaħdmu bla mistrieħ.*

Fl-istess paġna tat-tfal, huwa jkompli bil-vjaġġ tiegħu tas-soltu billi din id-darba jlaqqagħhom mal-pajjiż tal-fjuri – il-Kongo-Belġjan, fil-qalba tal-Afrika sewda – fejn is-siġar twal tal-foresti jkenninhom minn qillet




Sett sħiħ bolol tal-fjuri tal-Kongo-Belġjan tal-1953

ix-xemx. L-awtur isemmi xi erbgħa minnhom għall-ġmiel u l-ilwien tagħhom, u jheġġeġ lid-dilettanti tal-bolli biex ifittxu dawk tal-Kongo-Belġjan biex ikunu jistgħu jarawhom. Il-bolol dlonk ifakkruna fil-ġbir li hu kien jagħmel tagħhom meta kien Direttur fl-Uffiċċju Missjunarju.



Il-qoxra tal-ktejjeb ta' 'Ben Said' ta' DAX (stampar: O.M.P.)

Rumanz ieħor li kien jintrebaħ bix-xorti kważi kull xahar, flimkien ma' xi rigal ieħor, mill-abbonati tal-MM, huwa *Ben Said* ta' DAX. Fl-Enċiklopedija tan-Naxxar, Vol. 3, p.15, insibu tagħrif dwaru: 'Rakkont [Afrikan]: 'Ben Said, ir-Rajjes tal-Iġmla tal-Mahdi' – pubblikazzjoni Opri Missjunarji Pontifiċji - huwa traduzzjoni ta' rakkont b'172 faċċata miktub minn P. Angelo Negri F.S.C.J. (1889-1949), u miġjub għall-Malti minn DAX, stampat f'4,000 kopja, mill-Opri Missjunarji Pontifiċji fl-1954.' Fih insibu 'rakkont l-iktar kommoventi, li jġagħlek tgħix il-ġrajja fl-ilwien ħajjin li fiha.' Skont riklami li dehru f'MM (Sena XXII, Novembru 1954, nru 11, qoxra ta' wara), ir-rumanz tal-ikbar avventura, intiż biex ibikki, jgħallem u jeduka, kien imżewwaq b'ħafna stampi sbieħ għall-gost ta' min jixtrih bil-prezz baxx ta' 1s. 8d.

L-Isqof Taljan Angelo Negri, missjunarju Comboni[3] fl-Uganda, kien l-ewwel Vigarju Appostoliku tan-Nil Ekwatorjali. T'età żgħira, daħal fil-kongregazzjoni t'Ulied il-Qalb ta' Ġesù u ħa l-ewwel voti fl-1907. Ordna qassis f'Verona fl-1912. Qabel ma mar għall-missjonijiet fl-Uganda ta' Fuq, fl-1920, kien teżorier u għalliem f'għadd ta' djar tal-kongregazzjoni fl-Italja. Fl-1926, minħabba raġunijiet ta' saħħa, kien imġiegħel


P. Angelo Negri F.S.C.J. (1889-1949)

iħalli l-prefettorju appostoliku tan-Nil Ekwatorjali u jmur lura lejn art twelidu. Meta mbagħad fl-1934 il-prefettorju appostoliku tan-Nil Ekwatorjali ġie elevat għall-vigarjat appostoliku, Negri ġie elett Isqof ta' Barika *in partibus* u vigarju appostoliku, fejn ġie kkonsagrat fil-Katidral ta' Brescia. Daħal fil-belt ta' Gulu, is-sede tal-vigarjat, f'Lulju tal-1935. Ir-rakkont storiku *Ben Said: il cammelliere del Mahdi* ta' Negri kien stampat fl-1949 mid-dar tal-pubblikazzjoni Nigrizia – ir-rivista mensili Taljana tal-missjunarji Combonjani ddedikata lill-kontinent Afrikan u għall-Afrikani fid-dinja. ■

3 Dil-kongregazzjoni ġiet imwaqqfa minn Daniele Comboni (1831-1881) li kien Isqof Taljan li serva fil-missjonijiet Afrikani u kien fundatur, kemm tal-Missjunarji Comboni t'Ulied il-Qalb ta' Ġesù, kif ukoll tas-Sorijiet Missjunarji Comboni.